IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.4.2023
COM(2023) 233 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-internet miftuħ tar-Regolament (UE) 2015/2120

1. 1. INTRODUZZJONI

Il-prinċipju tal-internet miftuħ huwa inkorporat fir-Regolament (UE) 2015/2120[1], li ilu japplika fl-Istati Membri kollha mit-30 ta' April 2016. Ir-Regolament jagħti lill-utenti finali d-dritt applikabbli direttament għall-aċċess u d-distribuzzjoni tal-kontenut u s-servizzi legali tal-għażla tagħhom permezz tas-servizz ta' aċċess għall-internet tagħhom. Dan jistabbilixxi l-prinċipju tan-newtralità tal-internet: it-traffiku fuq l-internet irid jiġi ttrattat mingħajr diskriminazzjoni, imblukkar, trażżin jew prijoritizzazzjoni. Id-drittijiet tal-utenti finali ma jistgħux ikunu limitati mill-ftehimiet bejniethom u l-fornituri tal-internet tagħhom, jew mill-prattiki tal-ġestjoni tat-traffiku mwettqa mill-fornituri. Il-prinċipju tal-internet miftuħ ġie inkluż fid-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali[2], li turi l-importanza kontinwa tiegħu fl-UE.

Ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) biex joħroġ linji gwida f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni dwar l-obbligi tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (ARN) biex jimmonitorjaw u jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-internet miftuħ. Il-BEREC ippubblika l-ewwel verżjoni tal-linji gwida[3] f'Awwissu 2016 u aġġornahom fl-2020[4] u fl-2022[5]. Il-Grupp ta' Ħidma tal-BEREC dwar l-Internet Miftuħ, li fih tipparteċipa l-Kummissjoni, għandu l-għan li jiżgura konsistenza fl-applikazzjoni tar-Regolament madwar l-Ewropa.

Il-Kummissjoni kienet meħtieġa tirrieżamina d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-aċċess għall-internet miftuħ (Artikoli 3, 4, 5 u 6) u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, "akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti xierqa bil-ħsieb li jiġi emendat ir-Regolament", sat-30 ta' April 2019 u kull 4 snin wara dan.

L-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament ġie ppubblikat f'April 2019[6]. Dan ikkonkluda li r-Regolament kien xieraq u effettiv fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-utenti finali u fil-promozzjoni tal-internet bħala magna għall-innovazzjoni, u li ma kienx hemm bżonn li jiġi emendat. Minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni, il-BEREC u l-ARN komplew jimmonitorjaw l-iżviluppi fis-suq u l-implimentazzjoni tar-regoli tal-internet miftuħ.

L-għan ta' dan it-tieni rapport huwa li jipprovdi valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-erba' artikoli tar-Regolament mill-2019, inkluż fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-

[1] Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni; ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1; minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament.

[2] Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali 2023/C 23/01; ĠU C 23, 23.1.2023, p. 1–7.

[3] Linji Gwida tal-BEREC dwar l-Implimentazzjoni mir-Regolaturi Nazzjonali tar-Regoli Ewropej ta' Newtralità tal-Internet, BoR (16) 127, 30 ta' Awwissu 2016.

[4] Il-Linji Gwida tal-BEREC dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Internet Miftuħ, BoR (20) 112, 11 ta' Ġunju 2020.

[5] Il-Linji Gwida tal-BEREC dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Internet Miftuħ, BoR (22) 81, 9 ta' Ġunju 2022.

[6] Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' aċċess miftuħ għall-Internet tar-Regolament (UE) 2015/2120, COM (2019) 203 final.

suq. Għall-finijiet ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni ġabret feedback dwar kif ir-Regolament appoġġa l-aċċess għall-internet miftuħ minn firxa wiesgħa ta' sorsi:

1) ir-rapporti ta' implimentazzjoni nazzjonali mill-ARN[7] u mill-BEREC[8];

2) l-Opinjoni tal-BEREC għall-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/2120 ta' Diċembru 2022[9];

3) l-istudju SMART 2019/0024[10] ("l-istudju"), li ġabar informazzjoni fattwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament permezz ta' riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, intervisti, stħarriġ, gruppi ta' esperti, u sessjoni ta' ħidma mmirata tal-partijiet ikkonċernati li saret fit-30 ta' Jannar 2023, u li pprovda valutazzjoni u rakkomandazzjonijiet;

4) kuntatti kontinwi mal-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha.

Ir-rapport iqis ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

2. 2. KUNTEST

Mir-rapport tal-2019, kien hemm xi żviluppi importanti. Fost l-iżviluppi legali, ġudizzjarji u regolatorji hemm:

- erba' sentenzi tal-QĠUE dwar ir-Regolament, waħda ta' Settembru 2020[11], u tlieta ta' Settembru 2021[12];

- id-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi[13], li fost l-oħrajn espanda l-aspetti tal-protezzjoni tal-konsumatur tad-Direttiva 2002/22/KE[14] li għaliha jirreferi r-Regolament;

- żewġ reviżjonijiet tal-linji gwida inizjali tal-BEREC ippubblikati f'Awwissu 2016: l-ewwel waħda f'Ġunju 2020 iċċarat ċerti partijiet tal-linji gwida u qieset l-esperjenza tal-ARN fl-applikazzjoni tagħhom; u oħra f'Ġunju 2022 irriflettiet is-Sentenzi tal-QĠUE dwar offerti ta' "tariffa żero".

---

[7] Il-Kummissjoni tippubblika fuq is-sit web tagħha (Internet Miftuħ | It-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa (europa.eu)) ir-rapporti annwali tal-pajjiżi dwar l-internet miftuħ ipprovduti mill-ARN. S'issa hemm sitt settijiet ta' rapporti disponibbli.

[8] S'issa, il-BEREC adotta sitt rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament; kollha huma disponibbli fuq is-sit web tiegħu: www.berec.europa.eu.

[9] Opinjoni tal-BEREC għall-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/2120, BoR (22) 163, 12 ta' Diċembru 2022.

[10] "Study on the implementation of the open internet access provisions of Regulation 2015/2120 No. 2022-008", imwettaq minn ICF u minn WIK Consult.

[11] Is-sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tal-15 ta' Settembru 2020 fil-Kawżi Magħquda C-807/18 u C-39/19 - Telenor Magyarország.

[12] Is-sentenzi tal-Qorti (it-Tmien Awla) tat-2 ta' Settembru 2021 fil-Kawża C-854/19 - Vodafone, il-Kawża C-5/20 - Vodafone, u l-Kawża C-34/20 – Telekom Deutschland.

[13] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36.

[14] Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51.

Fost l-iżviluppi teknoloġiċi potenzjalment rilevanti, kif ukoll l-avvenimenti globali u ġeopolitiċi mill-2019 hemm:

- il-pandemija tal-COVID-19, li wasslet għal żieda fit-traffiku fuq l-internet, u qajmet mistoqsijiet dwar miżuri possibbli għall-ġestjoni tal-konġestjoni tan-network u l-validità tagħhom skont ir-Regolament;

- l-introduzzjoni progressiva ta' networks mobbli 5G, li ġġib aktar opportunitajiet biex jiġu pprovduti servizzi differenti b'livelli differenti ta' kwalità tas-servizz (QoS);

- is-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja b'reazzjoni għall-aggressjoni militari kontra l-Ukrajna, inklużi r-restrizzjonijiet kontra diversi mezzi tal-media li jkopru l-mezzi kollha ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni fl-Istati Membri tal-UE, jew li huma diretti lejhom (inklużi l-kejbil, is-satellita, it-TV, il-pjattaformi, is-siti web u l-apps tal-protokoll tal-internet)[15].

3. 3. ŻVILUPPI KUMMERĊJALI

3.1. 3.1. Restrizzjonijiet fuq l-użu liberu ta' tagħmir, servizzi u kontenut

Ir-Regolament jipprevedi d-dritt tal-utenti finali li jaċċessaw u jqassmu informazzjoni u kontenut, li jużaw u jipprovdu applikazzjonijiet u servizzi, u li jużaw tagħmir terminali tal-għażla tagħhom. Dan id-dritt jgħodd irrispettivament mill-post tal-utent finali jew tal-fornitur jew mill-post, mill-oriġini jew mid-destinazzjoni tal-informazzjoni, tal-kontenut, tal-applikazzjoni jew tas-servizz.

Ir-Regolament jiċċara wkoll li l-utenti finali jenħtieġ li jkunu liberi li jagħżlu t-tagħmir terminali tagħhom u li l-forniturі tas-servizzi ta' aċċess għall-internet ma għandhomx jimponu restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tagħmir terminali li jgħaqqad man-network lil hinn minn dawk imposti mill-manifatturi jew mid-distributuri tat-tagħmir terminali.

Fil-linji gwida tiegħu, il-BEREC iċċara li, meta wieħed iqis jekk l-utenti finali jistgħux jużaw it-tagħmir terminali tal-għażla tagħhom, jenħtieġ li l-ARN l-ewwel jivvalutaw jekk fornitur ta' servizzi ta' aċċess għall-internet jipprovdix "tagħmir obbligatorju", u jekk hemmx ħtieġa teknoloġika oġġettiva biex it-tagħmir obbligatorju jitqies bħala parti min-network tal-fornitur tas-servizz ta' aċċess għall-internet.

L-istudju jikkonferma li r-restrizzjonijiet fuq l-użu tat-tagħmir terminali huma relattivament mifruxa u li r-rispons tal-ARN għal tali restrizzjonijiet ma huwiex uniformi. Il-libertà tar-router titqies importanti f'pajjiżi fejn il-punt tat-terminazzjoni tan-network (NTP) jeskludi r-router[16]. B'mod ġenerali, meta mqabbla mas-sitwazzjoni

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/350 tal-1 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna; ĠU L 65, 2.3.2022, p. 1–4, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/351 tal-1 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, ĠU L 65, 2.3.2022, p. 5–7.

[16] Minn 24 ARN li wieġbu għal din il-mistoqsija fl-istudju, 16 irrapportaw li l-NTP huwa definit fil-ġuriżdizzjoni tagħhom. Minn dawn, fil-każ ta' sebgħa, il-NTP jeskludi r-router, erba' Stati Membri jinkludu r-router fi ħdan id-definizzjoni tal-NTP, u f'ħamsa oħra d-definizzjoni tvarja skont it-teknoloġija.

rrapportata fir-rapport tal-2019, għalkemm issa hemm aktar trasparenza dwar il-post tal-NTP u l-kundizzjonijiet għall-użu ta' tagħmir alternattiv għal dak ipprovdut mill-fornitur tas-servizz tal-aċċess għall-internet, is-sitwazzjoni madwar l-Ewropa għadha varjata. F'dan ir-rigward, l-ARN u l-BEREC jistgħu jesploraw approċċ aktar koordinat u definizzjonijiet aktar ristretti.

B'mod ġenerali, xi Stati Membri għamlu passi biex jappoġġaw għażla akbar fit-tagħmir terminali, meta mqabbla mas-sitwazzjoni rrapportata fl-2019. Il-partijiet ikkonċernati jikkonfermaw li l-isfidi fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq it-tagħmir terminali u l-użu tal-apparat naqqsu. Madankollu, xi partijiet ikkonċernati jitolbu infurzar imtejjeb u ċarezza akbar dwar l-interpretazzjoni ta' termini speċifiċi.

3.2. 3.2. Għażliet ta' "tariffa żero"

L-għażla ta' "tariffa żero" hija prattika kummerċjali fejn fornitur tal-aċċess għall-internet japplika "tariffa żero", jew tariffa mnaqqsa, għat-traffiku tad-*data* kollu jew parti minnu assoċjat ma' applikazzjoni jew kategorija ta' applikazzjonijiet speċifiċi, offruti mis-sħab ta' dak il-fornitur tal-aċċess[17]. Għalhekk, tali *data* ma tingħaddx mal-volum tad-*data* mixtri mill-utenti finali bħala parti mill-pakkett bażiku tagħhom.

Kif ġie nnutat fir-rapport tal-2019, tali għażliet ta' "tariffa żero" b'mod ġenerali tqiesu li ma humiex ipprojbiti mir-Regolament. Fil-linji gwida tiegħu tal-2016, il-BEREC indika kif tali għażliet jenħtieġ li jiġu vvalutati, u żviluppa ulterjorment il-metodoloġija ta' valutazzjoni tiegħu ta' "tariffa żero" u offerti simili fil-linji gwida tiegħu tal-2020. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kienu preżenti għażliet ta' "tariffa żero" u b'mod ġenerali, mifruxa fis-suq[18].

Fil-fatt, is-Sentenzi kollha tal-QĠUE dwar ir-Regolamenti dwar l-Internet Miftuħ inħarġu f'każijiet relatati ma' għażliet ta' "tariffa żero".

L-ewwel nett, fl-2019, il-QĠUE qieset pakketti offruti minn fornitur ta' servizzi ta' aċċess għall-internet, li ppermetta lill-utenti finali jużaw ċerti applikazzjonijiet u servizzi speċifiċi koperti minn "tariffa żero" bit-traffiku relatat li ma jingħaddx mal-volum tad-*data* tal-pakkett bażiku tas-servizz ta' aċċess għall-internet, b'kundizzjonijiet speċifiċi ta' użu mehmużin ma' tali offerti. Fis-sentenza tagħha, il-QĠUE enfasizzat li l-obbligu ġenerali li t-traffiku jiġi ttrattat bl-istess mod bħala prinċipju japplika għall-applikazzjonijiet u għas-servizzi koperti minn "tariffa żero".

Fl-2021, il-QĠUE ddeċidiet li l-għażliet ta' "tariffa żero" huma inkompatibbli mar-Regolament. Il-limitazzjonijiet fuq il-wisa' tal-banda, il-qtugħ, jew l-użu meta jsir ir-roaming, minħabba l-attivazzjoni ta' tali għażliet, huma wkoll inkompatibbli mad-dritt tal-UE.

Fi tmienja mill-Istati Membri li għalihom kien hemm disponibbli l-informazzjoni, il-konsumaturi kienu meħtieġa jagħmlu użu mir-routers fornuti mill-ISPs.

[17] Ara d-definizzjoni mill-QĠUE fis-Sentenzi fil-Kawżi C-854/19, C-5/20 u C-34/20.

[18] Madankollu fl-2022, l-applikazzjonijiet l-aktar soġġetti għal "tariffa żero" kienu l-istreaming tal-mużika (20 Stat Membru), il-vidjo/l-IPTV (20 Stat Membru) u l-media soċjali (18-il Stat Membru). "Tariffi żero" ġew irrapportati wkoll għal messaġġi bil-vuċi u qosra (15-il Stat Membru), servizzi tal-cloud (tmien Stati Membri), u logħob tal-azzard (sitt Stati Membri).

Wara d-deċiżjonijiet tal-QĠUE, il-BEREC innota fil-linji gwida tiegħu tal-2022 li l-prattiki kummerċjali jistgħu jinkludu "ipprezzar differenzjat", li fih il-prezz għal ammont partikolari ta' *data* ma huwiex l-istess għat-traffiku kollu fi traffiku partikolari ta' servizzi ta' aċċess għall-internet; madankollu, dawk il-prattiki għandhom ikunu "anjostiċi għall-applikazzjoni". Fi kliem ieħor, il-forniturі ta' servizzi ta' aċċess għall-internet jistgħu jinkludu fil-prattiki kummerċjali tagħhom prezz differenti għal ċertu ammont ta' *data* (inkluża għażla ta' "tariffa żero" jew tariffa mnaqqsa), sakemm dan it-traffiku tad-*data* jintuża irrispettivament mill-applikazzjoni.

Il-BEREC iqis li kwalunkwe prattika differenzjata tal-ipprezzar li ma tkunx anjostika għall-applikazzjoni (bħall-applikazzjoni ta' "tariffa żero" għall-applikazzjonijiet proprji tal-forniturі tas-servizzi tal-aċċess għall-internet jew li tippermetti lill-forniturі tal-kontenut u tal-applikazzjonijiet jissussidjaw id-*data* tagħhom stess) bħala ġeneralment inammissibbli.

Wara d-deċiżjonijiet tal-QĠUE, minn Diċembru 2022, l-għażliet ta' "tariffa żero" ġew irtirati bis-sħiħ jew qed jiġu rtirati mis-suq[19]. L-ARN u l-operaturi jirrapportaw li l-klijenti li jirċievu għażliet ta' "tariffa żero" qed jaqilbu għal pjanijiet b'*data* addizzjonali jew mhux limitata, jew fi ftit każijiet għal skontijiet temporali.

L-istudju juri li hemm qbil ġenerali fost il-partijiet ikkonċernati li s-sentenzi tal-QĠUE u l-linji gwida aġġornati tal-BEREC ġabu ċarezza dwar l-għażliet "tariffi żero". Xi ARN indikaw li l-għażliet "b'tariffa żero" għas-siti tal-kura tal-klijenti kienu permessi fl-Istati Membri tagħhom, filwaqt li oħrajn ippermettew għażliet "b'tariffa żero" għal skopijiet soċjali jew edukattivi. Skont l-istudju, xi partijiet ikkonċernati jqisu li għażliet ta' "tariffa żero" għal skopijiet soċjali jew edukattivi jenħtieġ ikunu permessi bħala tali, filwaqt li oħrajn jibżgħu li dan jista' jiftaħ il-bieb għal ksur tal-prinċipji tar-Regolament u ma huwiex meħtieġ f'każijiet fejn tiġi pprovduta wisa' tal-banda suffiċjenti f'pakketti għall-konsumatur. Aktar ċarezza dwar l-interpretazzjoni tat-termini relatati mal-għażliet ta' "tariffa żero" f'dawk il-każijiet tista' tkun utli.

4. 4. ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

Ir-Regolament jafferma wkoll li l-forniturі ta' servizzi ta' aċċess għall-internet iridu jittrattaw it-traffiku kollu b'mod ugwali, mingħajr diskriminazzjoni, restrizzjoni, jew interferenza; ma jridux jimblukkaw, inaqqsu l-pass, ibiddlu, jirrestriġu, jinterferixxu ma', jiddegradaw jew jiddiskriminaw bejn kontenut, applikazzjonijiet jew servizzi speċifiċi. Ir-Regolament jipprevedi ftit eċċezzjonijiet li huma limitati għal:

a) il-konformità mal-atti leġiżlattivi tal-UE, jew mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, inkluż mal-ordnijiet mill-qrati jew mill-awtoritajiet pubbliċi mogħtija s-setgħat rilevanti;

b) il-ħarsien tal-integrità u s-sigurtà tan-network, tas-servizzi pprovduti, u tat-tagħmir terminali tal-utenti finali;

c) il-prevenzjoni tal-konġestjoni tan-network u l-mitigazzjoni tal-effetti ta' konġestjoni eċċezzjonali jew temporanja tan-network.

[19] Minn Diċembru 2022, l-għażliet ta' "tariffa żero" ġew irtirati għalkollox (ma ġewx ikkummerċjalizzati u ġew irtirati minn klijenti eżistenti) f'sitt Stati Membri (HR, EE, LT, LU, MT, SI), filwaqt li f'ħamsa oħra (AT, DK, CZ, DE, HU), il-klijenti eżistenti għadhom moqdija, iżda t-tneħħija gradwali ta' "tariffi żero" kellha titlesta sa Marzu 2023 (jew Jannar 2023 fil-każ ta' DK).

4.1. 4.1. Imblukkar u trażżin tal-kontenut

L-istudju juri li l-imblukkar awtorizzat huwa rrapportat b'mod wiesa', b'mod partikolari taħt żewġ eżenzjonijiet: (a) il-leġiżlazzjoni u (b) s-sigurtà u l-integrità.

L-imblukkar tal-kontenut seħħ f'ħafna Stati Membri abbażi ta' leġiżlazzjoni/deċiżjonijiet ġuridiċi li jinkludu l-imblukkar tal-logħob tal-azzard illegali u l-pornografija tat-tfal, il-kontenut estremist, il-ksur tad-drittijiet tal-awtur, it-theddid għall-istat, u abbażi ta' sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja. Speċjalment fil-kuntest tas-sanzjonijiet kontra r-Russja, xi fornituri tas-servizzi tal-aċċess għall-internet esprimew tħassib li ma kellhomx ċarezza legali fir-rigward taċ-ċirkostanzi li fihom kienu permessi jew meħtieġa jimblukkaw il-kontenut. F'dan ir-rigward, il-BEREC enfasizza li l-ARN fittxew li jassistu lill-fornituri tas-servizzi tal-aċċess għall-internet fl-implimentazzjoni prattika tas-sanzjonijiet sabiex jevitaw imblukkar eċċessiv jew insuffiċjenti. Madankollu, huwa fakkar ukoll li l-ARN ma humiex responsabbli biex jiddeċiedu dwar l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet jew jissorveljawhom.

L-użu tat-trażżin biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' konġestjoni tan-network limitati fiż-żmien (eżenzjoni (c)) huwa rrapportat b'mod inqas wiesa' mill-ARN. Intuża l-aktar meta l-utenti finali jaqbżu l-kapaċità fil-pjanijiet tad-*data* tal-mobile; u biex jiġi evitat l-eċċess ta' network fuq networks mobbli matul qtugħ tal-enerġija biex jiġi żgurat l-aċċess għal telefonati u servizzi ta' emerġenza jew matul perjodi ta' falliment tan-network jew żidiet f'daqqa fit-traffiku.

4.2. 4.2. Impatt tal-COVID-19 fuq il-ġestjoni tat-traffiku

Meta bdiet il-kriżi tal-COVID-19, u magħha l-miżuri ta' lockdown, il-BEREC u l-ARN ħadmu mill-qrib mal-Kummissjoni[20] biex jipprovdu gwida rapida u ċara lill-partijiet ikkonċernati. Huma komplew jirrapportaw ukoll dwar is-sitwazzjoni fix-xhur ta' wara[21].

Diversi ARN innutaw li ma kien meħtieġ l-ebda trażżin matul il-pandemija tal-COVID-19, anke matul l-eqqel tal-kriżi, meta l-miżuri ta' lockdown implimentati fl-Istati Membri rriżultaw f'żieda fit-telexogħol u fl-apprendiment mill-bogħod, u b'hekk żdiedu t-traffiku fuq in-network. Dwar il-ġestjoni tat-traffiku matul il-pandemija tal-COVID-19, it-trażżin għal raġunijiet relatati mal-COVID-19 ma ġie rrapportat f'ebda Stat Membru fi kwalunkwe wieħed mir-rapporti tal-ARN tal-2022.

Il-kriżi tal-COVID-19 hija eżempju eċċellenti tal-adattabilità u tal-applikabbiltà tar-Regolament għal sfidi speċifiċi, bħall-ogħla livell fit-traffiku fuq l-internet matul il-kriżi. Dan l-eżempju huwa evidenza qawwija li l-interazzjoni tar-Regolament, il-linji gwida tal-BEREC, u l-kooperazzjoni tal-Kummissjoni jipprevedu għodda valida għall-futur biex jiġu ġestiti żviluppi mhux mistennija kif u meta jseħħu. Barra minn hekk, il-kriżi tal-COVID-19 turi wkoll li l-infrastruttura attwali kienet kapaċi tlaħħaq ma' massimu f'daqqa, mhux mistenni u sostnut fit-traffiku fuq l-internet.

[20] Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-BEREC dwar l-indirizzar tad-domanda akbar għall-konnettività tan-network minħabba l-pandemija tal-COVID-19 tad-19 ta' Marzu 2019.

[21] Fid-Dikjarazzjoni Konġunta, il-BEREC impenja ruħu li jistabbilixxi mekkaniżmu speċjali ta' rapportar biex jiżgura monitoraġġ regolari tas-sitwazzjoni tat-traffiku fuq l-internet f'kull Stat Membru biex ikun jista' jwieġeb malajr għall-kwistjonijiet tal-kapaċità. Inizjalment, ir-rapport inħareġ darbtejn fil-ġimgħa u mbagħad kull xahar, hekk kif is-sitwazzjoni rrapportata ġiet stabbilizzata, u l-aġġornamenti mill-ARN ġew immoderati.

Madankollu, fis-snin li ġejjin se jkunu meħtieġa investimenti sinifikanti biex jiġi żgurat li l-miri kollha tal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali[22] jkunu jistgħu jiġu ssodisfati, u li l-infrastrutturi Ewropej ikunu jistgħu jlaħħqu ma' żieda probabbli fit-traffiku tan-network u jżommu ma' żviluppi teknoloġiċi ġodda. Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda titlob il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar l-investimenti meħtieġa biex tinbena l-infrastruttura tal-internet tal-futur f'konsultazzjoni esploratorja li tibda mit-23 ta' Frar 2023 sad-19 ta' Mejju 2023. F'dak il-kuntest, għandu jiġi nnotat li l-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali jisħaq fuq il-prinċipju li "l-atturi tas-suq kollha li jibbenefikaw mit-trasformazzjoni diġitali jassumu r-responsabbiltajiet soċjali tagħhom u jagħmlu kontribut ġust u proporzjonat mal-kostijiet tal-beni pubbliċi, tas-servizzi u l-infrastrutturi, għall-benefiċċju tal-Ewropej kollha". Dan huwa wkoll konformi mal-impenji politiċi inklużi fid-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali. Il-konsultazzjoni esploratorja msemmija hawn fuq tfittex ukoll il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar kif dan il-prinċipju jista' jiġi implimentat fil-prattika – jekk rilevanti – biex jgħin fit-tnedija tal-infrastruttura meħtieġa biex l-Ewropa tkun tista' tmexxi t-trasformazzjoni diġitali. Madankollu, il-fatt li bħalissa għaddej dibattitu mal-partijiet ikkonċernati differenti u bejniethom dwar din il-kwistjoni, ma jitfax dubju fuq ir-regoli tan-newtralità netta, li l-importanza tagħhom ġiet affermata mill-ġdid ukoll fid-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali.

5. 5. ŻVILUPPI TEKNOLOĠIĊI

5.1. 5.1. Żvilupp ta' teknoloġiji 5G

Kif diġà ġie enfasizzat fir-rapport tal-2019, ir-Regolament kien maħsub apposta bħala sett ta' regoli bbażat fuq il-prinċipji li jistgħu jiġu applikati għall-iżvilupp prevedibbli ta' teknoloġiji ġodda, bħall-5G u servizzi ġodda (eż. partizzjoni tan-network, identifikatur tal-kwalità tas-servizz tal-5G (5QI), edge computing mobbli, u "network bħala servizz"). Fl-2019, il-Kummissjoni impenjat ruħha kemm li tkompli ssegwi din il-kwistjoni mill-qrib hekk kif żviluppa l-5G fis-suq, kif ukoll li taħdem mill-qrib mal-BEREC biex taġġorna l-linji gwida tiegħu, u dan għamlitu fl-2020.

Il-linji gwida riveduti tal-BEREC tal-2020 jipprovdu kjarifiki konsiderevoli rilevanti għat-teknoloġiji 5G, billi jelaboraw fuq il-kompatibbiltà tagħhom mar-Regolament. Il-linji gwida jispjegaw kif il-forniturі tas-servizzi tal-aċċess għall-internet jistgħu jiddifferenzjaw il-livell tal-kwalità tas-servizz tal-abbonamenti għas-servizzi tal-aċċess għall-internet. Il-livelli tal-kwalità tas-servizz jenħtieġ li jibqgħu "anjostiċi għall-applikazzjoni" filwaqt li l-utenti finali għandhom jibqgħu fil-kontroll fuq liema applikazzjonijiet jiġu trażmessi fuq liema livell tal-kwalità tas-servizz.

Sal-lum, la l-BEREC u lanqas il-Kummissjoni ma huma konxji minn xi eżempju speċifiku fejn l-implimentazzjoni tat-teknoloġija 5G tiġi mxekkla mir-Regolament.

5.2. 5.2. Żviluppi teknoloġiċi u servizzi speċjalizzati

Ir-Regolament jipprevedi l-possibbiltà li jiġu offruti servizzi għajr servizzi ta' aċċess għall-internet. Tali servizzi, komunement imsejħa "servizzi speċjalizzati", huma ottimizzati għal kontenut, applikazzjonijiet jew servizzi speċifiċi, jew għal taħlita ta'

[22] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali, ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4.

dawn, fejn tali ottimizzazzjoni tkun meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kwalità tagħhom. Il-forniturі jistgħu joffru jew jiffaċilitaw servizzi speċjalizzati biss jekk il-kapaċità tan-network tkun biżżejjed biex jipprovduhom flimkien ma' kwalunkwe servizz ta' aċċess għall-internet mingħajr ma jiddegradaw il-kwalità ta' dan tal-aħħar.

Il-linji gwida tal-BEREC jiċċaraw kif ir-regoli fir-Regolament jenħtieġ li jiġu mifhuma billi jelaboraw fuq il-kundizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi speċjalizzati, li huma pprovduti fir-Regolament innifsu. F'dan ir-rigward, il-linji gwida tal-2020 jindikaw li applikazzjonijiet differenti (fil-forma ta' servizzi speċjalizzati) jistgħu jiġu ttrattati b'mod differenti meta jkun oġġettivament meħtieġ li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit ta' applikazzjoni għal livell speċifiku ta' kwalità li ma jistax jiġi ssodisfat fuq servizz ta' aċċess għall-internet bl-aħjar sforz. Il-linji gwida tal-BEREC jirrikonoxxu li l-internet u n-natura tas-servizzi tal-aċċess għall-internet se jevolvu maż-żmien. It-tliet eżempji ta' servizzi speċjalizzati, indikati fil-linji gwida tal-BEREC u disponibbli f'ħafna Stati Membri, huma: VoLTE, IPTV, u VoIP.

Il-valutazzjoni tal-konformità marbuta l-ewwel u qabel kollox mal-fornitur li jqis li joffri servizz speċjalizzat, peress li ma huwa meħtieġ l-ebda permess minn qabel mill-ARN biex joffri tali servizzi lill-utenti finali. Sabiex ikun stabbilit jekk servizz hux fil-kamp ta' applikazzjoni jew le, ir-Regolament jeħtieġ li l-forniturі ta' servizz ta' aċċess għall-internet: (i) jagħtu prova tal-ħtieġa li kull applikazzjoni tiġi ttrattata b'mod partikolari; (ii) juru li huwa separat mis-servizz ta' aċċess għall-internet; u (iii) juru li trattament bħal dan mhux se jkollu impatt negattiv fuq l-utenti finali.

Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati dwar l-iżvilupp ta' servizzi speċjalizzati jvarjaw. Xi wħud iqisu li l-ħtieġa għal servizzi speċjalizzati tista' tonqos hekk kif tiżdied il-kwalità medja tas-servizzi ta' aċċess għall-internet. Oħrajn huma tal-fehma li d-domanda għal servizzi speċjalizzati tista' tikber fil-kuntest ta' partizzjoni tan-network 5G. Il-BEREC jinnota li minn naħa waħda, servizz li llum jeħtieġ ottimizzazzjoni u jikkwalifika bħala servizz speċjalizzat jista' ma jirrikjedix dan fil-futur minħabba t-titjib tal-kwalità ġenerali tas-servizzi tal-aċċess għall-internet, filwaqt li min-naħa l-oħra, jistgħu jitfaċċaw servizzi addizzjonali li jkollhom jiġu ottimizzati. Dan jista' jkun il-każ bit-tranżizzjoni għal Web 4.0[23] u l-iżvilupp ta' "networks bħala servizz", fejn in-networks se jkunu mistennija jipprovdu funzjonijiet ta' trażmissjoni, ħżin u computing[24].

Hekk kif l-iżvilupp tat-teknoloġija jissokta, partijiet ikkonċernati differenti jgħidu li xi drabi ma jkunx ċar jekk ċerti servizzi u teknoloġiji sperimentali jaqgħux taħt il-mandat tar-Regolament, u jekk l-applikazzjonijiet tagħhom jitqisux legali. S'issa, l-ARN u l-BEREC applikaw approċċ każ b'każ għal teknoloġiji ġodda. Il-BEREC għadu jiffavorixxi dan l-approċċ każ b'każ għar-raġuni li s'issa ġew implimentati biss ftit servizzi speċjalizzati. Madanakollu, dan in-nuqqas ta' ċertezza legali jista' jkollu effett dissważiv fuq l-investimenti u l-innovazzjoni. F'dan ir-rigward, filwaqt li xi partijiet ikkonċernati, inklużi organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, huma ssodisfati bil-gwida attwali tal-BEREC, ħafna forniturі akbar ta' servizzi ta' aċċess għall-internet iqisu li r-regoli u l-approċċ attwali ma jipprovdux biżżejjed ċertezza biex ikunu jistgħu jniedu servizzi bbażati fuq il-partizzjoni tan-network jew jiddefinixxu servizzi speċjalizzati.

[23] Ir-raba' ġenerazzjoni tal-World Wide web.

[24] Pereżempju, is-servizzi provduti fuq networks tal-futur definiti mis-software jistgħu jikkontribwixxu għal kunċett ta' servizzi speċjalizzati, pereżempju servizzi għall-awtomatizzazzjoni tal-bini, karozzi konnessi, applikazzjonijiet tal-konsumatur ta' kwalità għolja, jew konnettività sikura.

Għalhekk, ċertezza legali akbar tista' tkun ta' benefiċċju kemm għall-innovaturi kif ukoll għall-konsumaturi fil-ġejjieni. Kif tinkiseb, billi jkun hemm enfasi li servizzi ġodda bi prestazzjoni għolja jenħtieġ li jkunu possibbli fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, u jekk tali "sinjalazzjoni" għandhiex issir permezz ta' kjarifika fil-linji gwida tal-BEREC (eż. f'intervalli iqsar proporzjonati mal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq) jew mill-Kummissjoni, hija waħda mill-kwistjonijiet li għandu jkun hemm enfasi fuqha fil-futur qrib.

6. 6. TRASPARENZA KUNTRATTWALI, IL-MONITORAĠĠ REGOLATORJU U L-PROĊEDURI

6.1. 6.1. Obbligi ta' trasparenza

Ir-Regolament jistabbilixxi diversi rekwiżiti ta' trasparenza, l-aktar dwar informazzjoni dwar il-veloċitajiet u l-prattiki tal-ġestjoni tat-traffiku. Dan jeħtieġ li l-fornituri tas-servizzi tal-aċċess għall-internet jipprovdu informazzjoni dwar ir-rimedji disponibbli f'każ ta' diskrepanzi bejn il-veloċitajiet attwali u miftiehma kuntrattwalment, u jistabbilixxu proċeduri trasparenti, sempliċi u effiċjenti biex jindirizzaw l-ilmenti tal-utenti finali. Kwalunkwe diskrepanza sinifikanti bejn il-prestazzjoni attwali tas-servizzi tal-aċċess għall-internet fir-rigward tal-veloċità jew ta' parametri oħra ta' kwalità tas-servizz u l-prestazzjoni indikata mill-fornitur jenħtieġ, fejn il-fatti rilevanti jiġu stabbiliti minn mekkaniżmu ta' monitoraġġ iċċertifikat mill-ARN, tiskatta rimedji disponibbli għall-konsumaturi skont il-liġi nazzjonali.

B'mod ġenerali, kien hemm titjib sinifikanti fit-trasparenza bis-saħħa tal-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-Regolament jitqies mill-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet ċivili, u mill-ARN li huwa effettiv biex jiżgura t-trasparenza dwar il-veloċitajiet tal-banda wiesgħa, it-trattament tat-traffiku, u l-mezzi ta' rimedju għall-konsumaturi meta ma jirċevux il-kwalità tas-servizz li jistennew.

Il-biċċa l-kbira tal-ARN iqisu li l-fornituri tas-servizzi tal-aċċess għall-internet ikkonformaw mar-rekwiżiti ta' trasparenza, u li sar titjib sinifikanti mir-rapport tal-2019. Għad hemm xi sfidi, b'mod partikolari fost fornituri iżgħar (ta' spiss lokali), u f'xi każijiet bir-rapportar tal-veloċitajiet (eż. fuq mapep) minn fornituri mobbli jew rappreżentazzjoni ħażina tat-terminu *data* "illimitata"[25]. Barra minn hekk, kien hemm progress sinifikanti mill-ARN fl-introduzzjoni ta' għodod ta' monitoraġġ biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jivverifikaw li l-veloċitajiet li jirċievu jkunu jaqblu ma' dawk maqbula kuntrattwalment[26].

Xi partijiet ikkonċernati jixtiequ li l-linji gwida tal-BEREC jipprovdu rakkomandazzjonijiet aktar dettaljati u preskrittivi dwar l-approċċi li l-ARN jenħtieġ li jieħdu biex jinfurzaw it-trasparenza; li jipprovdu ċarezza dwar il-kunċetti u l-kejl tal-veloċità; u li jiżguraw il-konsistenza meta jsir rapportar dwar il-veloċitajiet attwali meta mqabbla mal-veloċitajiet kuntrattwali jew irreklamati. L-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-konsumatur u dawk ċivili nnutaw ukoll li l-informazzjoni ma hijiex faċli biex

[25] Dan ġie indirizzat permezz tal-linji gwida tal-BIPT fil-BE.

[26] Seba' ARN jipprovdu għodda ċċertifikata (AT, HR, CY, DE, IT, PL, RO), filwaqt li 11-il ARN addizzjonali jipprovdu għodda li ma jiddikjarawx li hija ċċertifikata (CZ tinnota li ċ-ċertifikazzjoni hija ppjanata), tliet ARN oħra qed jippjanaw li jintroduċu għodda bħal din jew jinsabu fil-proċess tal-ittestjar tagħha (BG, FI, LV).

tinftiehem mill-konsumaturi, enfasizzaw lakuni bejn il-veloċitajiet attwali u kuntrattwali, u ineffiċjenzi fil-ġestjoni tal-ilmenti mill-forniturі tas-servizzi tal-aċċess għall-internet. Il-BEREC ma identifikax kwistjonijiet speċifiċi ta' monitoraġġ tat-trasparenza, filwaqt li nnota li r-rekwiżiti ta' trasparenza ġeneralment ġew issodisfati mill-forniturі.

6.2. 6.2. Sorveljanza u infurzar

Ir-Regolament ta setgħat lill-ARN biex jiżguraw li l-objettivi tiegħu jintlaħqu. Minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament, id-deċiżjonijiet tal-ARN meħuda kontra l-forniturі tas-servizzi tal-aċċess għall-internet ġew ikkontestati fil-qorti fi tmien Stati Membri[27]. Fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, id-deċiżjonijiet tal-qrati kkonfermaw id-deċiżjonijiet tal-ARN. Fil-linji gwida tiegħu tal-2020, il-BEREC innota li hemm tliet tipi ta' azzjonijiet li l-ARN jistgħu jsegwu biex jimmonitorjaw u jiżguraw il-konformità: (i) is-superviżjoni jew il-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti differenti; (ii) l-infurzar; u (iii) ir-rapportar dwar is-sejbiet mill-eżerċizzji ta' monitoraġġ. L-impożizzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit u miżura jenħtieġ li tiġi vvalutata abbażi tal-effettività, in-neċessità u l-proporzjonalità tagħhom.

Skont l-istudju, il-prattiki ta' infurzar ivarjaw ħafna. Filwaqt li xi ARN isegwu diversi każijiet u jikkonkludu każijiet b'sejbiet jew b'deċiżjonijiet formali, oħrajn jinfurzaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament permezz ta' djalogu informali, u oħrajn jużaw taħlita ta' approċċi biex jiksbu l-konformità. Il-partijiet ikkonċernati jaqblu b'mod ġenerali li l-ARN aġixxew f'konformità mal-linji gwida tal-BEREC. Il-fehmiet dwar il-grad sa fejn il-linji gwida wasslu għal prattiki aktar konsistenti madwar l-Istati Membri huma aktar varjati, bl-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-konsumatur jaqblu b'mod qawwi ma' din id-dikjarazzjoni, filwaqt li l-forniturі tas-servizzi tal-aċċess għall-internet huma aktar newtrali f'dan il-punt.

6.3. 6.3. Sanzjonijiet

Is-sanzjonijiet u l-metodi għall-kalkolu tal-penali jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri. Pereżempju, 13-il Stat Membru stabbilew penali marbuta mal-fatturat tal-kumpanija, filwaqt li oħrajn għandhom ammont massimu fiss jew taħlita tat-tnejn. Il-penali massimi jvarjaw minn 0,25 % sa 5 % tal-fatturat annwali medju madwar id-dinja, jew huma stabbiliti f'ammont massimu li jvarja minn EUR 100 000 sa EUR 5 miljun. Sal-lum ġew imposti biss ftit penali, u kollha kemm huma kienu ferm inqas mill-massimu applikabbli.

7. 7. KONKLUŻJONIJIET

Ir-regoli stabbiliti fir-Regolament huma fil-qalba tal-funzjonament tal-ekosistema tal-internet fl-Ewropa u ġew imfakkra fid-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali Ewropej b'impenn politiku għall-protezzjoni u l-promozzjoni ta' internet miftuħ fit-trasformazzjoni diġitali Ewropea. Dan ir-rapport jenfasizza kwistjonijiet speċifiċi li jistħoqqilhom attenzjoni speċjali mill-Kummissjoni u mill-BEREC fil-futur qrib, sabiex jiġi garantit li l-applikazzjoni tar-Regolament tibqa' rilevanti u f'konformità mal-iżviluppi teknoloġiċi.

Mir-rapport tal-2019, saru bidliet teknoloġiċi, iżda speċjalment bidliet kbar fis-suq u ġeopolitiċi, li ma setgħux jiġu previsti meta ġie abbozzat ir-Regolament. Il-fatt li r-Regolament u l-implimentazzjoni tiegħu setgħu jibqgħu jeżistu għal ħafna żmien,

[27] BoR (22) 128, Kapitolu 9 u Anness I.

jikkonferma li l-approċċ ibbażat fuq il-prinċipju tar-Regolament ikompli jiggarantixxi l-bilanċ essenzjali bejn il-protezzjoni tad-drittijiet tal-utenti finali u l-ħtieġa li jitrawwem suq uniku diġitali kompetittiv tal-UE. Minn din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li, meta mqabbla mas-sitwazzjoni fl-2019 meta nħareġ l-ewwel rapport, il-prinċipji ta' internet miftuħ jibqgħu rilevanti, mill-perspettiva tal-utenti finali, tal-forniturі tal-kontenut u tal-applikazzjoni, u tal-forniturі tas-servizzi tal-aċċess għall-internet.